**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**DAVID BRINCAT**

**(ID 191899(M))**

Kaz Nru; 175/2021

**Illum il-15 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' **David Brincat** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena bin Cedric u Olivia nee' Zahra, imwieled Hal Safi nhar id-28 ta' Mejju 1999 residenti gewwa Nru. 18, Massabielle, Triq Qerd in-Nahal, Safi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 191899(M), akkuzat talli nhar is-16 ta' Settembru 2021, ghal habta ta' 17:45hrs gewwa Triq ili-Merhba kantuiera ma' Triq il-Velleran, Fgura Malta;

1. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha li tammonta ghall-piz komplessiv ta' 19.94 grammi, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall uzu esklussiva tieghu bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minhabba li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi David Brincat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Kap. 9 fl-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jaghmel dan u wara li gie mwissi bil-konsegwenzi tal-istess ammissjoni;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semghet is-sottomissjoni tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi;

Illi fir-rigward tal-piena dina l-Qorti qieset ic-cirkostanzi tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu inkluz id-dikjarazzjoni tal-ufficjal investigatur li d-droga kienet intiza unikament ghall-konsum tal-istess imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammisjoni tal-imputat fl-iktar stadju bikri possibli kif ukoll il-kooperazzjoni tal-imputat mal-pulizija. Il-Qorti qieset ukoll l-emendi introdotti

fil-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Att LXVI tas-sena 2021, partikolarment l-artikolu 4A(2) tal-istess Kap. 537 kif ukoll l-artikolu 27 tal-Kodici Kriminali.

**Decide:**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d), 15A u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 4A(2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **hati** tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal penali ta' Eur. 60.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebieta, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**